IL-BIRGU
Citta` Vittoriosa

**Kunsill Lokali Birgu**
Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

# Minuti tal-Laqgha 31(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghall-Laqgha Numru 31(06) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar it-22 t'April 2014 fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar (4.30pm)

## Prezenti

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, Vici-Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, Kunsilliera; Is-Sur Lawrence Attard, is-Sur Alan Cassar u s-Sur Anton Gellel

Is-Segretarju Ezekuttiv; Is-Sinjorina Fiona Said

L-Ambaxxatrici taz-zghazagh; Is-Sinjorina Leanne Attard

Ufficjal Ezekuttiv; Is-Sinjura Lara Mascena

## Talba

Il-Laqgha bdiet fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar. Is-Sindku qal it-talba u tah bidu gha laqgha numru 31(06)

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1 Is-Sindku, is-Sur John Boxall wera xewqa tieghu l l-Kunsill ghandu japplika ghal UIF Fund sabiex tinbidel

is-sistema ta` dawk ta` Fuq tal-Hawli ghal wahda LED jew SMD sabiex b`hekk iz-zona ta` Fuq tal-Hawli tkun lesta u attrezzata b`kollox. IS-Sur Alan Cassar issugerrixxa progett iehor li jista` jsir biex tisbieh iz-zona ta` Toqba, fejn is-Sur Boxall infurmhom li f`din iz-zona ser issiru progetti ohra mill-Gvern u ghalhekk mhux vijabbli li l-flus jintnefqu hemm. Ma ttiehdet l-ebda decizjoni.

**F'dan l-istadju tal-laqgha, giet skuzata l-Ufficjal Ezekuttiv is-Sinjura Lara Mascena**.

1.2 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-performance bonus tas-Sinjura Lara Mascena ghas-sena 2013. Wara diskussjoni is-Sindku is-Sur John Boxall ppropona li tinghata 5% performance bonus. Dwar dan il-Kunsill qabel.

**F'dan l-istadju tal-laqgha irritornat lura is-Sinjura Lara Mascena**

1.3 Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-performance Bonus tas-Sur Daniel Gafa. Wara diskussjoni twila, is-Sur John Boxall ippropona li jinghata 4% performance bonus. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.4 Is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera dwar x`se jigri mill-fanali li ser jinghqalu fiz-zona tal-Collachio, hekk kif ser issiru dwal godda bhala parti mill-progett li ghaddej bhalissa. Is-Sur Boxall qal li dawn il-fanali ser jintuzaw fit-toroq l-ohra tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.5 Is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill qed jigbor diversi donazzjonijiet minghand diversi kumpaniji u kuntratturi ghal apparat tal-AED. Is-Sindku qal li bid-donazzjonijiet li qed jingabru, il-Kunsill ser jirnexxielhu jixtri zewg magni. Is-Sindku qal ukoll loi jixtieq li jsiru anke korsijiet edukattivi dwar din il-magna lir-residenti tal-lokal u lil dawk kollha nvoluti fis-settur tal-kummerc fil-lokalita.

1.6 Is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera li fil-Youth Centre nhar l-Erbgha 30 t`April 2014 ser issir laqgha mar-rapprezentanti mid-Dipartiment tal-Anzjanita` flimkien mar-raprezentanti tal-Knisja ta` San Lawrenz dwar il-progett ta` Day Centre.

## 2. Korrispondenza

2.1 Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera li l-applikazzjoni Access + Accesiblity ser taghlaq fi zmien gimgha, u spjega li qed jahdem flimkien mal-perit responsabbli biex tigi sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ser issir sabiex fil-Berga ta' Franza fejn illum jinsabu l-ufficini amministrattivi tal-Kunsill, jigi nstallat lift sabiex din il-Binja ta' l-oghla valur storiku tkun accessibli ghal kulhadd. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

2.2 Is-Sindku, is-Sur John Boxall qara korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand il-Floriana Basketball Club, fejn dawn urew ix-xewqa li juzaw il-pitch li sar mill-istess Kunsill fl-Iskola Primarja u kif ukoll jigu mistiedna t-tfal tal-Birgu biex jiehdu sehem. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal li l-Kunsill ircieva PQ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn gie mistoqsi dwar min qed ihallas u kemm huwa l-hlas li qed issir ghal armar tal-scaffolding li ntrama mal-Knisja ta` Santa Skolastika ghax-xoghol ta` restawr mal-faccata tal-Kunvent tas-Sorijiet tal-Klawsura.

2.4 Is-Sur John Boxall informa lill-Kunsillieradwar il-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand il-MEPA dwar l-approvazzjoni tal-platform lift. Is-Sindku zeid jghid li process ta` dan il-progett wasal fl-ahhar u yhuwa mahseb li jigi inawgurat fis-7 ta` Awwissu 2014, f`dik il-gurnata meta l-Arcipriet jorganizza l-quddiesa ghal anzjani fl-okazzjoni tal-festa ta` San Lawrenz. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Is-Sur John Boxall qara l-korrispondenza li l-Kunsill irceiva minghand il-belt ta` Amalfi, l-Italja dwar stedina li saret sabiex inzuru din il-belt biex issir gemellagg. Is-Sindku ssuggeriexxa li ghal din l-okazzjoni jigu avvicinati li jmorru s-Sinjorina Leanne Attard, l-Ambaxxatrici tal-Kunsill Lokali, Kayleigh Caruana, raprezentanta tal-Kunsill Lokali taz-Zghazagh, zewg raprezentanti tal-Kunsill u xi raprezentanti ohra minn ghaqdiet diversi fil-lokalita`.

2.6 Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera dwar il-korrispondenza li l-istess Kunsill ircieva dwar il-korsijiet tal-kompjuter ghat-tfal tal-Birgu (IKIDS).Il-Kunsill qabel unaninimament dwar dawn il-korsijiet biex issiru fil-lokalita` tal-Birgu.

2.7 Is-Sur John Boxall qara korrispondenza dwar il-progett ’’WEALTH’’, fejn informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill wera l-interess tigehu biex jippartecipa fih.

2.8 Is-Sur John Boxall qara korrispondenza dwar il-progett ’’Music Read in the City’’, fejn informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill wera l-interess tieghu biex jippartecipa.

2.9 Is-Sindku, is-Sur John Boxall qara l-korrispondenzi li saru dwar il-press release li ser issir ghas-seminars li ser issiru mid-delegazzjoni taljana mill-Belt ta` Amalfi fix-xhur li gejjin, fejn ghal din il-press release ser jkun mistieden il-Ministru ta` Turizmu, l-Onorevoli Dr. Edward Zammit Lewis.

2.10 Is-Sindku tal-Birgu nforma lill-Kunsilliera dwar il-lanca li hemm mitluqa t-Toqba, fejn dwar dan hemm kaz u li qieghed f`idejn il-pulizija.

Il-Laqgha giet fit-tmiema fis-sitta u nofs ta` filghaxija (6.30pm) u gie deciz li ssir kontinwazzjoni tal-istess laqgha, l-ghada l-Erbgha 23 ta` April, 2014 fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar (4.30pm)

____________________          ______________________

| | |
|---|---|
| John Boxall | Fiona Said |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |